Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 123/19**
il-Lussemburgu, 27 ta' Settembru 2019

Stampa u Informazzjoni

# Marc van der Woude elett President tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Wara t-tiġdid parzjali tal-Membri tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea[1], Marc van der Woude, Viċi President tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea mill-20 ta' Settembru 2016, ġie elett, mill-Membri l-oħra, President tal-Qorti Ġenerali għal mandat li jkopri l-perijodu ta' bejn is-27 ta' Settembru 2019 u l-31 ta' Awwissu 2022. Huwa jieħu post Marc Jaeger, President tal-Qorti Ġenerali mis-17 ta' Settembru 2007 sas-26 ta' Settembru 2019 u li ma ppreżentax il-kandidatura tiegħu fil-kuntest ta' dawn l-elezzjonijiet.

## *Curriculum vitae* ta' Marc van der Woude

Imwieled fl-1960; gradwat fil-liġi (Università ta' Groningen, 1983); studja fil-Collège d'Europe (1983-1984); assistent fil-Collège d'Europe (1984-1986); inkarigat mill-korsijiet fl-Università ta' Leiden (1986-1987); relatur fid-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1987-1989); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1989-1992); koordinatur politiku fid-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1992-1993); membru tas-Servizz Ġuridiku tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1993-1995); avukat membru tal-Avukatura ta' Brussell sa mill-1995; professur fl-Università Erasmus ta' Rotterdam sa mill-2000; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-13 ta' Settembru 2010; Viċi President tal-Qorti Ġenerali mill-20 ta' Settembru 2016 sas-26 ta' Settembru 2019; President tal-Qorti Ġenerali mis-27 ta' Settembru 2019.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

[1] Ara l-Istqarrija għall-Istampa Nru 122/19 tas-26 ta' Settembru 2019.